Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa tnejn u erbgħin (42), li kienet laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ħamis, 16 ta' Diċembru 2015 fid-9.30am fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |

1. Talba

Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Tiġdid tal-Kuntratt taħt l-iskema tas-CIES - *update*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi wara li tkellmet mas-Sna. Camilleri Aquilina tad-Dipartiment għal Gvern Lokali infurmata illi għal sena hija garantita li l-paga ta' Christine Fenech toħroġ mid-Dipartiment iżda rigward kif jiġi mġedded il-Kuntratt irreferitha biex tieħu l-parir minn għand id-*Department for Employment Relations*. Dan id-Dipartiment informa lil Kunsill illi l-Kuntratt jista' jiġi mġedded xahar b'xahar sakemm issib impieġ ġdid pero' biex is-Sna Fenech ma tiġix tal-fiss ma jistax jiġi mġedded għal sena peress li imbagħad tkun għamlet erba' snin mal-Kunsill u skond il-liġi Ewropeja tiġi tal-fiss. Il-membri qablu illi l-Kuntratt għandu jiġi mġedded b'xahar kif talbet fl-emejl Christine Fenech. Is-Seg. Eżekuttiv uriet lil membri *draft* tal-Kuntratt kif ġie preparat u qablu li qabel ma jiġi ffirmat għandu jittieħed il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fil-9.45 ta' filgħodu.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555